**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 961/2023**

**Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Christian Said**

Illum is-7 ta' Awwissu 2024

Il Qorti rat li tressaq taht arrest lil :

Christian Said ta' erbghin (40) sena, iben Michael Said u Emanuela Said xebba Sciberras, imwieled il-Pieta nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija tlieta u finenin (1983), residenti gewwa Flat 2, Triq ta' Gidwet, Matsaskala, Malta u/jew Gewwa Blk A, Flat 30, Triq Mater Boni Consilii, il-Fgura, Malta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0103884M;

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkuzawh talli fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), gewwa l-inhawi ta' Pace Grasso, il-Fgura, Malta;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Larson Magro, liema griehi huma ta' natura gravi hekk kif gie ccertiflkat minn Dr Jacob Micallef Tanti (numru mediku 4281) mill-Isptar Mater Dei;
2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajf il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Larson Magro, liema griehi huma ta' natura gravi hekk kif gie ccertifikat minn Dr Jacob Micallef Tanti (numru mediku 4281) mill-isptar Mater Dei;
3. U aktar talli fl-istess data, lok u tirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohta f'dan il-Koditi (Koditi Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew ilkwiet tal-pubbliku;
4. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, f'kaz ta' htija, ikun kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Nadine Lia, nhar it-tlettax (13) t'April tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023);

5. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, f'kaz ta' htija, ikun kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu b'digfiet moghti mill-Qorti Krirninali mill-Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, nhar it-tmienja u ghoxrin (28) t' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022);

U nakkuzawh ukoll talli, f'kaz ta' htija, ikun irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li g-ie misjub hati b'sentenza/i moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza/i saret jew saru definittiva/i u ma tistax/jistghux tigi/jigu mibdula;

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2023, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li matul l-udjenza tat-18 ta' Gunju 2024 l-imputat minn jeddu irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.[2]

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

[1] Folio 8 u 10 ta' l-atti processwali
[2] Folio 134 ta' l-atti processwali

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat li sar *pre sentencing report* minn ufficjal tal-Probation.[3]

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2024.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar is-17 ta' Novembru 2023 meta l-imputat kellu argument fil-gnien ta' hdejn il-Bocci club, Fgura u li f'dan l-argument intuzat arma taqta u bil-ponta u Larson Magro soffra griehi b'konsegwenza ta' din il-glieda.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

[3] Dok RAC1, Folio 147-166 ta' l-atti processwali

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Fl-atti jinsab il-fedina penali ta' l-imputat aggornata sad-19 ta' Novembru 2023.[4] Illi minn din il-fedina penali jirrizulta li l-imputat ghandu vizzju tad-droga kif ukoll ikometta diversi reati ta' serq. Illi l-fedina hija wahda refrattarja u minkejja d-diversi sentenzi li nghatawlu xorta baqa qatt ma rriforma ruhu.

- L-imputat ma amettiex fl-ewwel okkazzjoni li seta u fl-iktar stadju bikri. Madankollu l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' provi prosekuzzjoni madwar seba xhur wara li tressaq. Ghaldaqstant minkejja li saru diversi seduti u tressqu provi l-prosekuzzjoni kienet ghadha qed tressaq il-provi taghha. Konsegwentement il-Qorti tqis li l-ammissjoni saret fi stadju ragonevoli u ghandha titqies bhala attenwanti favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu waqt is-smiegh tal-kawza tieghu u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[5], **Il-Pulizija**

[4] Dok AM1, Folio 11-17 ta' l-atti processwali
[5] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997

**vs. Emmanuel Testa**[6], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[7] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[8]

- Illi mir-rapport tal-ufficjal tal-probation fejn sehh *pre sentencing report* irrizulta li l-imputat kienu ilu segwit ghal madwar hdax il-sena u li f'din l-ahhar sena kien sar progress filwaqt li ghad ghandu bzonn jindirizza problemi psikologici.

- Illi mil-*pre sentencing report* kien hemm rakkomandazzjoni sabiex l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita skont l-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-imputat ikun jista jinghata s-supervizjoni u l-ghajnuna mehtiega filwaqt li permezz tal-element tax-xoghol jifhem il-konsegwenzi relatati mar-reat tieghu, kif ukoll japprezza l-htiega ta' struttura u responsabilita' fil-hajja tieghu.[9] B'hekk ir-rakkomndazzjoni hija dik ta' Combination Order li tkopri Ordni ta' Probation u xoghol fil-kommunita.

- Illi fis-sottomissjonijiet taghha l-prosekuzzjoni talbet il-Qorti tikkunsidra li din ir-rakkomdazzjoni fejn l-imputat jaghmel xoghol fil-komunita ta' mitt (100) siegha kif ukoll li jitqieghed taht Ordni ta' Trattament skont l-artikolu 412D sabiex ikompli jindirizza l-problema tad-droga li ghandu.

- Id-difiza tabraccja ma din il-posizzjoni u illi filwaqt li din il-Qorti mhix marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tara li hija legalment proponibbli.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the*

[6] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[7] Thomson Reuteurs, S-29
[8] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[9] Folio 11 tar-rapport tal-ufficjal tal-probation

*protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant il-piena tista tizdied bi gradi relattivi skont il-ligi.
- L-imputat huwa wkoll imressaq tali kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-13 t'April 2023 kif ukoll iehor moghti mill-Qorti Kriminali nhar it-28 ta' Ottubru 2022.
- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216 (1) (a)(b), (h), (d), 217, 218 (1) (a) u (b), 338(dd), 579(2), 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 412D tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta issib lil Christian Said **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` ghall-mitt (100) siegha kif ukoll Ordni ta' Probation.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, hekk kif rakkomandat fis-sottomissjonijiet tal-partijiet u dan ghall-perijodu ta' **mitt (100) siegha** kif qed jigi speċifikat fl-ordni. Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati ikun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni. A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Probation** ghall-perjodu ta' **tlett (3)** snin millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **tlett snin** millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Komunika: Direttur Probation u Parole

Komunika: Registratur tal-Qorti

Illi ghar-rigward ir-raba u l-hames imputazzjoni fic-cirkostanzi l-Qorti qed taghzel li ma tirevokax *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 13 t'April 2023 u 28 t'Ottubru 2022 u mhix ser terga tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

Madankollu l-Qorti tordna li s-somma ta' mitejn Euro (€200) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u s-somma ta' elf Euro (€1,000) li tifforma parti mill-garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta ghar-rigward id-digriet tat-13 t'April 2023.

Il-Qorti tordna li s-somma ta' mitejn Euro (€200) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u s-somma ta' elf Euro (€1,000) li tifforma parti mill-garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta ghar-rigward id-digriet tat-28 ta Ottubru 2022.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot

lill-hati ghal perjodu ta' tlett snin (3) mid-data tar-remissjoni tas-sentenza taht penali ta' tlett elef euro (€3,000).

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Awwissu 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**